**Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2011 fis-7.00 p.m. fis-Sala tal-Komunita'**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 | 10.10 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.45 | 8.40 |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.15 | 10.10 |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Assenti | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 | 10.10 |
| Kunsillier Paul Agius | Assenti | |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.00 | 9.45 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.40 | 10.10 |
| Kunsillier David Meilak | 8.30 | 10.10 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Assenti | |

Kienu preżenti bejn 20 u 24 resident. Saru diversi sejħiet mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex dawk preżenti jiffirmaw il-lista ta' l-attendenza. Biss wara rriżulta li disa' residenti biss kienu iffirmaw l-attendenza.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**Qari tal-Minuti**

Is-Sindku u s-Segretarju qraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali tas-sena ta' qabel u li kienet saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Marzu 2010.

Saru interventi minn residenti li joqgħodu fi Triq it-Tama. Peress li konna għadna fil-punti imqajjma mill-minuti u deher li ma kien hemm ħadd aktar li se jagħmel korrezzjonijiet fil-minuti, temporanjament dawn ir-residenti ingħataw il-permess li jressqu d-diffikultajiet tagħhom. It-tliet sinjuri li tkellmu kienu Charles Dimech, Charles Magro u Ġanna Magro. Huma bdew biex irringrazzjaw lill-Kunsill għax-xogħol tant tajjeb speċjalment ta' pavimentar li sar fit-triq tagħhom. Huma esprimew li kienu kburin li jgħixu f'din it-triq u jagħmlu dak kollu possibbli biex iżejnuha speċjalment bi qsari tul it-triq tagħhom.

Semmew il-bollards li kienu inqalgħu mit-triq tagħhom u esprimew l-idea li jergħu jitpoġġew mill-ġdid . Is-Sindku irrisponda li dawn kellhom jinqalgħu peress li ma kienx hemm il-permess meħtieġ. Il-Kunsill kien ġie infurmat li bollards ta' din ix-xorta kienu jistgħu isiru biss jekk dawn jitħaddmu b'mod mekkanizzat . Wieħed irid jara kemm kienet se tqum l-ispiża u wara din il-materja tiġi diskussa fil-Kunsill.

Is-Sur Charles Dimech qajjem il-punt li Triq San Gwann , it-triq li taqsam Triq it-Tama, kienet perikoluża ħafna u l-ħin kollu kienet qed tkun ta' periklu għar-residenti speċjalment ta' Triq it-Tama. Huwa ssuġġerixxa li jsiru *Sleeping Policeman* fi Triq San Ġwann u hekk titnaqqas il-veloċita' ta' karrozzi li kontinwament jgħaddu minn din it-triq. Is-Sindku irrisponda li Transport Malta ma kienux favur li joħorġu iktar permessi għal *Sleeping Policeman.*

Il-minuti ġew approvati kif moqrija.

**1.0 Rapport Amministrattiv : Jannar sa Diċembru 2010**

1.01 Inqara r-Rapport Amministrattiv għas-sena li kienet tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2010. Dan ir-rapport inqara parti mis-Sindku u parti mis-Segretarju.

1.02 Flimkien mar-Rapport Amministrattiv is-Segretarju ta rendikont tax-xogħol kollu li sar mill-Kunsill fix-xhur Lulju-Awwissu-Settembru 2011(90 ġurnata) li kien jittratta dwar Street Lighting Reports, Ċitazzjonijiet, Bulky Refuse, Permessi dwar Skips, Cranes, Lifters, High Ups etc, Applikazzjonijiet ,

Pagamenti, ix-xogħol li jsir mill-iskrivani tal-Kunsill kif ukoll mill-Handymen. Dan sar biex meta wieħed jimmultiplika l-figuri imsemmija għall-4 darbiet ikun jaf bejn wieħed u ieħor dwar ix-xogħol li sar fil-kunsill fis-sena 2010.

1.03 Fil-qari tar-Rapport Amministrattiv is-Sindku beda biex qal li din il-leġislatura flok 3 snin kellha tieħu 5 snin.

1.04 Huwa semma dwar il-ġemelaġġ li l-Kunsill Lokali tal-Mosta kellu ma Ragusa, l-Italja.

1.05 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li l-Kunsill kien organizza fosthom il-Wirja Agrarja , l-attivita' tal-Mosta Dome Festival, l-attivita' għall-anzjani u persuni b'diżabilita', il-party tal-Milied għat-tfal, kif ukoll itellgħet wirja mid-dilettanti tal-għasafar.

1.06 Is-Sindku qal li dan ix-xogħol kollu li sar fis-sena 2010 ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx għad-dedikazzjoni u l-ħin li taw lill-Kunsill, il-Kunsilliera kollha. Huwa rringrazzja lill-istaff kollu li b'dedikazzjoni sħiħa u minkejja li l-Kunsill għandu impjegati mieghu nuqqas ta' staff, xorta jaħdem biex jipprova jlaħħaq max-xogħol tiegħu . Huwa rringrazzja wkoll liż-żewġ handymen u staff tal-ETC u l-IPSL.

**2.0 Business Plan 2011-2013**

2.01 Is-Sindku beda biex qara il-pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-perjodu 2011-2013. Din il-parti kienet bħala addenda għall-figuri miktuba fil-Business Plan. Waqt il-qari tar-rapport spjega xi punti li ħass li hu seta' jsemmi. Is-Sindku għażel li mal-Business Plan idaħħal ir-rapport tiegħu dwar il-Ħidma tal-Ħames Kunsill Lokali.

2.02 Is-Sindku tkellem dwar it-toroq li kienu saru bil-għajnuna tal-Public Private Partnership Scheme (PPP) u dwar l-erba' toroq li kien jonqos li jridu jsiru, jiġifieri Triq u Pjazza L-Avukat Nerik Mizzi, Triq Salvu Zahra u Triq Papa Giovanni XXIII.

2.03 Is-Sindku kompla li bil-flus mogħtija lill-Kunsill mill-Urban Improvement Funds (UIF) il-Kunsill kien se jagħti bidu għall Sqaqien Sant Anna li ismu ġie mibdul għal Sqaq Dun Ang Camilleri u Sqaq Nru 1 Triq Sant Anton Abbati. €70,000 għandhom imorru għall-Playground Reggie Cilia u kellu jittella ' *Concrete Stand*' għall-Pitch tal-Boċċi.

2.04 Is-Sindku tkellem dwar is-sitt toroq li kienu mistennija jitlestew bejn il-perjodu l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013.

**3.0 Rapport mis-Sindku dwar il-ħidma tal-Ħames Kunsill Lokali**

3.01 Hawn is-Sindku kompla jaqra ir-rapport tal-Business Plan u fl-istess ħin għażel li jdaħħal id-diskors dwar il-Ħidma tal-Ħames Kunsill Lokali.

3.02 Is-Sindku spjega dwar il-pjan ta' xogħol ta' patching bil-hot asphalt li kellu jsir mill-kuntrattur fit-toroq tal-Mosta. Huwa qal li dan ix-xogħol kien jista' jservi bejn sentejn u tliet snin, mentri li kieku kompla jsir bil-cold asphalt ma' l-ewwel xita dan kien jinqala'.

3.03 Ukoll, permezz tal-kuntrattur il-Kunsill ried ikompli ix-xogħol tal-bankina bil-konkos/madum/blokki u forom. L-ittranġar ta' bankini żgħar bil-konkos, madum,etc kellu jibqa' jsir mill-handymen tal-Kunsill.

3.04 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qiegħed fi stadju ta' aġġudikazzjoni dwar Ħarsien,Tindif u Manutenzjoni tat-Tliet Latrini li l-Kunsill għandu fil-kumpless taċ-Ċentru Ċiviku; ir-restawr tan-niċeċ fil-Mosta; ir-restawr tal-pont tal-Wied Gananu li jmiss mal-Kappella ta' L-Isperanza; u r-restawr ta' Ġnien Reggie Cilia.

3.05 Waqt li tkompliet issir l-ispjegazzjoni ta' ħidmet il-Kunsill Lokali għall-perjodu 2011-2013 jiena bħal waqaft għax smajt lis-Sindku jsemmi kliem ta' 'pulizija', 'jista jagħmilli libell' u issemma l-isem tal-kunsillier Pawlu Agius li ma kienx preżenti fis-Sala . Biex aktar nkompli nsaħħaħ dak li smajt il-persuna li kienet bil-qegħda ħdejn in-naħa tal-lemin tiegħi qaltli li dan m'għandux isemma' dan il-kliem u jsemmi

ismijiet ta' nies li ma kienux preżenti. Peress li dan il-kliem sar fi ftit ħin u moħħi kien jewden fuq il-kliem li smajt u l-kliem li kienet qed tgħidli li l-persuna li kien hemm bil-qegħda ħdejja, ma kellix ħin inkun naf iċ-ċirkustanza li fiha kien qed jingħad dan il-kliem. Issa ħassejt li kien fid-dmir tiegħi li nwaqqaf lis-Sindku milli jkompli jirrepeti kliem simili. Ftit wara ersaqt lejn is-Sindku u bil-mod għidtlu 'tieqafx, imma kompli aqra".

3.06 Is-Sindku kompla jaqra u jispejga mill-pjan ta' ħidma perjodu 2011-2013 . Huwa tkellem dwar il-proġetti tan-Nuclear Xelter, l-International Skate Park u l-fondi Italia Malta Interreg li l-Kunsill kien ġab għall-proġett f'Ta' Bistra.

3.07 Is-Sindku tkellem dwar l-offerti li riedu joħorġu għall-xiri ta' kompjuters ġodda għall-użu tal-uffiċċini tal-Kunsill; il-bini tal-web site tal-Kunsill; u s-sistema tat-telefones li riedet tinbidel.

3.08 Huwa għalaq ir-rapport tiegħu billi tkellem dwar ix-xogħol li ried isir fis-sitt Playing Fields li l-Kunsill kellu fil-Mosta. Il-Kunsill kien applika biex iġib xi fondi mid-Dipartiment biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fi tlieta minn dawn il-playing fields.

3.09 Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera u l-membri ta' l-istaff tax-xogħol li wettqu u l-kontribuzzjonijiet li taw biex seta jsir tant xogħol ta' fejda u ġid għar-residenti Mostin.

## 4.0 Interventi mill-Kunsilliera

4.01 Issa kienu għadhom kif issieħbu fil-laqgħa tal-Komunita' il-kunsilliera David Meilak u Marthese Mifsud. Is-Segretarju qal li huma kienu avżaw li kellhom jaslu xi ħin tard.

4.02 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Josette Agius Decelis intalbet tagħmel l-intervent tagħha. Hija qalet li għalkemm kienet fil-Kunsill ix-xogħol fil-familja kien qed jagħtiha ħafna impenn.

4.03 Il-kunsillier David Meilak beda biex qal li huwa kien daħħal fil-Kunsill f'Jannar ta' din is-sena flok l-ex kunsillier John Mary Camilleri Huwa stqarr li xogħol fil-kunsill kien ta' sodisfazzjon kbir għalih. Biss iħoss li l-poplu b'mod ġenerali ma tantx kien jersaq lejn il-Kunsill. Huwa tqil biex jikteb u jibgħat l-ittri. Għaldaqstant aktar jinħass il-bżonn li nersqu aħna lejn il-poplu.

4.04 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud kienet tħoss li ma kellix wisq xi tgħid u żżid aktar.

4.05 Issa kien imiss jitkellem il-Kunsillier Mario Sammut . Huwa qal kemm japprezza meta jara lill-Kunsilliera jaħdmu flimkien. Huwa fakkar l-attivitajiet li organizza f'isem il-Kunsill. Semma l-party tas-sena l-oħra u l-quddiesa. Huwa tħabat biex seta jara lill-President tar-Reppubblika jkun magħna. Għal dawn l-organizazzjonijiet il-Kunsill ma ħareġ l-ebda flus. Huwa jipprova jagħmel wiċċu biex iġib *sponsors* għall-attivitajiet li jorganizza. Huwa jitlob lill-bambin biex jagħtih is-saħħa biex jista' jkomli jaħdem.

4.06 Tkellem il-kunsillier il-Perit Chris Grech. Huwa semma li kellu fid-dekasteru tiegħu it-toroq u l-bankini. Għamel riferenza għat-traffiku li jkun dieħel lejn il-Mosta minn Triq il-Kostituzzjoni. Bħala perit inkarigat qed jaħdem għal rotta differenti tat-traffiku, Huwa semma is-600,000 ewro bħala fondi mis-CPPS għall-parkeġġ. Jekk il-Kunsill ma joqgħodx attent jistgħu jintilfu dawn il-fondi.

4.07 Kien imiss tagħmel l-intervent tagħha il-kunsilliera Kirby Fenech. Hija bdiet biex qalet grazzi lil kulħadd għax bit-tajjeb u l-ħażin dejjem waslet. Hawn intervjena il-Kunsillier David Meilak fejn talab lill-Kunsilliera Fenech telabora dwar x'riedet tfisser bil-kelma 'ħażin'. Hija spjegat li riedet tfisser għal ħsara li wieħed jista' jkun iffaċċjat biha bħal ħsara b'mod ġenerali. Hija rreferiet għal-organizazzjoni tal-Mosta Dome Festival li din kienet it-tielet organizazzjoni tax-xorta tagħha. Il-Kunsilliera Fenech semmiet kemm tħossha kuntenta meta tara li xi dħul li inġabru jmorru għall-kawża tajba ta' Puttinu Cares. Irreferiet għat-tournament tal-Football fil-ground tal-Lgħajba li hija kienet qed torganizza fejn id-dħul minn din l-attivita' kien se jmur għal Puttinu Cares.

**5.00 Interventi mill-Pubbliku Preżenti**

5.01 Fetaħ id-diskussjoni is-Sur Charles Dimech resident fi Triq l-Isperanza. Reġa għamel riferenza għal dak li tkellem dawru aktar qabel fil-laqgħa. Semma' il-bollards li tneħħew minn Triq l-Isperanza . Is-Sindku irrisponda li dawn ma setgħux jibqgħu hemm iżda l-Kunsill irid jerġa' japplika mill-ġdid u jsiru b'mod mekkanizzat bis-sistema ta' *remote control*. Huwa fakkar kemm din it-triq kienet reġgħet saret perikoluża speċjalment fil-parti tat-triq li tidjieq.

5.02 Tkellem is-Sur Charles Magro resident minn Triq l-Isperanza . Huwa rringrazzja lill-Kunsill fejn waħħal fanali antiki flok il-lampi provduti mill-Gvern Ċentrali. Hekk it-triq ħadet dehra vera sabiħa. Dwar il-bollards semma' li jkun biżżejjed jekk titwaħħal 'bollard' waħda fil-parti tan-naħa tat-triq li tiżbokka għal Triq San Ġwann.

5.03 Issa il-kumplament tad-diskussjoni tista' tgħid ikkonċentrat dwar ilmenti imressqa mir-residenti li joqgħodu fit-toroq tal-Grawnd tal-Lgħajba. Ukoll, irrispondew diriġenti tal-Mosta Football Ground fejn tkellmu dwar il-parti differenti li wieħed irid iżomm f'moħħu meta jitkellem dwar din il-materja.

5.04 Fetaħ id-diskussjoni is-Sur Victor Hili, resident fi Triq il-Manwela. Tkellem dwar il-problema tan-nuqqas ta' parkeġġ li aktar tkompli tikber meta tqis li ħafna mill-parking spaces jittieħdu min-nies li jmorru l-ground jaraw il-logħbiet.

5.05 Tkellem is-Sur Jeffrey Sultana, resident fi Triq ta' ħdejn il-Ground. Tkellem dwar il-problema tat-tliet containers li aktar ikkomplikat is-sitwazzjoni fejn jirrigwardja nuqqas ta' parkeġġ. Il-Kunsillier Chris Grech irrisponda li dawn kienu qegħdin hemm b'mod temporanju u kienu qed jagħmlu dak kollu possibbli biex jitneħħew sa qabel l-aħħar ta' Diċembru.

Is-Sur Sultana qal li hu flimkien mar-residenti japprezzaw li l-grawnd għandu jkun imsebbaħ biex it-tfal tar-residenti Mostin ikollhom fejn jirrikrejaw ruħhom. Iżda huma joġġezzjonaw meta l-affarijiet isiru b'mod mhux kif suppost fejn jista' jkun ukoll li jsiru mingħajr il-permessi meħtieġa.

Tkellem dawr xi problemi żgħar li jridu jkunu indirizzati mill-Mosta Football Club u oħrajn li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali. Irid isir rinfriskar taż-żebgħa mill-Kunsill. Ukoll il-Kunsill jista' jgħin biex inaddaf l-area ta' fejn hemm il-palma. Minn naħa tiegħu il-Mosta Football Club għandu jassigura li l-bar ma jkomplix iħammeġ l-area billi joħroġ tankijiet kbar taż-żibel, dan jaqa' mal-madwar u jkompli jħammeġ l-ambjent.

5.06 Tkellmet is-Sinjura Anna Zammit, residenta fi Triq il-Manwella. Hija rreferiet għall-iżvilupp li kontinwament iwettaq il-Mosta Football Club. Semmiet il-bar, it-toilets u l-ħajt għoli li jdawwar il-grawnd fejn fil-permess miltub mill-MEPA jkunu jidhru bħala żvilupp żgħir meta mbagħad jirriżulta li jkun żvilupp ta' natura kbira. Hawn talbet lill-Kunsill Lokali biex jistħarreġ dwar in-natura ta' żvilupp li jrid isir u li qiegħed quddiem l-awtorita' tal-MEPA biex eventwalment dan il-permess jiġi approvat.

Isemma l-każ li xi jumejn ilu kien reġa' tfaċċa container ieħor mat-tlieta eżistenti . Is-Segretarju tal-Kunsill qal li dan il-kunsill ma kienx jaf bih. Il-Kunsillier Chris Grech wieġeb li qed ikun assigurat li dan tpoġġa għal xi tliet ijiem biss u l-għada kellu jitneħħa għal kollox.

5.07 Issa kien imiss jitkellem is-Sur Manuel Buhagiar, uffiċċjal tal-Mosta Football Club . Dwar it-tliet containers qal li qed jaħdmu biex sa kemm hu possibbli dawn jitneħħew sa qabel l-aħħar ta' Diċembru. Huwa jissimpatizza mar-residenti li xi kultant ikollhom ibatu minn xi inkonvenjent. Huwa jifhem li kien sar ħafna żvilupp fejn l-area xi kultant ma kienitx tlaħħaq ma' dan kollu. Biss huwa fakkar li dan kien proġett imwiegħed mill-Gvern għall-Mostin biex it-tfal u l-adulti jkollhom fejn jirrikrejaw ruħhom.

5.08 Tkellem is-Sur George Said, resident ieħor ta' ħdejn il-Ground. Huwa enfasizza li jrid ikun assigurat li l-iżvilupp li qed isir ikollu il-permessi mitluba mil-liġi. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

5.09 Fl-aħħar tkellem il-kunsillier Chris Grech, viċi President tal-Mosta Football Club. Huwa qal li l-club għandu kull dritt iressaq applikazzjoni u l-MEPA wara tkun trid tiddeċiedi. Huwa jifhem li fejn setgħet saret xi ħsara bħal meta tkissret il-bankina,issa l-club irid jieħu ħsieb isewwi l-ħsara.

5.10 Is-Segretarju fakkar lill dawk preżenti li l-Assistent Kummissarju għandu jagħmel laqgħa mal-Kunsill, il-Mosta Football Club u l-Pulizija biex jipprova jasal għal kompromess dwar il-containers.

5.11 Is-Sindku għalaq id-diskussjoni billi ippropona li flimkien mas-Segretarju ssir laqgħa mar-residenti ta' l-inħawi biex jiġu indirizzati l-ilmenti kollha li jista' jkollhom dawn ir-residenti. Din il-proposta intgħoġbot minn kulħadd.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.05 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv